MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2008

Numru 180/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Rennie Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Rennie Gauci ta’ 24 sena iben Saviour u Vincenza nee’ Schembri, mwieled il-Pieta’ fl-20 ta’ Novembru 1983, u residenti 3,

Triq il-Madonna tal-Grazzja, Bormla, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 587783(M) gie akkuzat talli:

(A) Nhar it-2 ta’ Marzu, 2008, ghal habta tat-3.30 ta’ wara nofsinhar, filwaqt li kont fi Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla, bi vjolenza u b’theddid gieghelt lis-Surgent tal-Pulizija 76 Charles Cassar u l-kuntistabbli tal-Pulizija 299 Charles Mallia, bhala Ufficcjali Pubblici li jaghmlu jew ma jghamlhux xi haga li ghandha x’taqsam mall-kariga taghhom.

(B) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla, u aktar tard, fl-istess gurnata, filwaqt li kien fl-Ghassa ta’ Bormla, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l-persuna tas-Supretendent tal-Pulizija Raymond D’Anastasi, s-Surgent tal-Pulizija 299 Charles Mallia u Ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxi fl-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ Ordni mghoti skond il-Ligi mill-Awtorita’ kompetenti.

(C) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kont fi Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla, u aktar tard, fl-istess gurnata, filwaqt li kien fl-Ghassa ta’ Bormla, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ l-istess Supretendent tal-Pulizija Raymond D’Anastasi, s-Surgent tal-Pulizija 76 Charles Cassar, l-kuntistabbli tal-Pulizija 299 Charles Mallia u Ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala persuni ta’ wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

(D) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla,

volontarjament, ikkawzajt griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC.299 Charles Mallia, bhala persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni mghoti skond il-Ligi minn awtorita' kompetenti, skond kif iccertifikat minn Dr. A. Mifsud M.D. mic-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid.

(E) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla, u aktar tard, fl-istess gurnata, filwaqt li kien fl-Ghassa ta' Bormla, ma obdhiex l-ordnijiet Legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz Pubbliku, jew ma hallhiex jew fixkel waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

(F) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla, ikkawza hsara volontarja, cioe' billi qattgha parti mill-uniformi tal-kuntistabbli tal-Pulizija 299 Charles Mallia, liema hsara ma teccedix l-Lm10 (€23.29) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

(G) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, filwaqt li kien fi Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla, u aktar tard, fl-istess gurnata, filwaqt li kien fl-Ghassa ta' Bormla, stieden ghall-glied lis-Supretendent tal-Pulizija Raymond D'Anastasi, lis-Surgent tal-Pulizija 76 Charles Cassar, l-kuntistabbli tal-Pulizija 299 Charles Mallia u Ufficcjali ohra tal-Pulizija.

(H) W aktar, akkuzat ukoll talli, filwaqt li kien fir-residenza tal-habiba tieghu Romina Grioli, fil-font Nru. 28, Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla, kkawza hsarat volontarji fuq wiehed mill-bibien, liema hsara taccedi l-Lm10 (€23.29) izda mhux izjed minn Lm50 (€116.47), ghad-dannu ta' Romina Grioli u persuni ohra.

(I) Akkuzat ukoll talli, filwaqt li kien fir-residenza tal-habiba tieghu Romina Grioli, fil-font Nru. 28, Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla, minghajr ma darab jew sawwat lil Romina Grioli, heddida permezz ta' sikkina.

(J) Akkuzat ukoll talli, filwaqt li kien fi Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla, kkawza hsarat volontarji fuq bieb ta’ barra tal-Font Nru. 24, liema font jappartjeni lil Gaetano Grioli u liema hsara taccedi l-Lm10 (€23.29) izda mhux izjed minn Lm50 (€116.47), ghad-dannu ta’ Gaetano Grioli u persuni ohra.

(K) W aktar akkuzat talli, filwaqt li kien fi Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla, waddab gebel jew oggetti ohra iebsin ghat-twieqi tar-residenza ta’ Anthony Sant, liema residenza tinsab fl-istess triq.

(L) Akkuzat talli, filwaqt li kien fi Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla, minghajr ma darab jew sawwat Anthony Sant, hedded bil-gebel u oggetti ohra iebsin.

(M) Barra minn dan akkuzat ukoll talli, fl-istess cirkustanzi, filwaqt li kien fi Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla, u aktar tard, fl-istess gurnata, filwaqt li kien fl-Ghassa ta’Bormla, volontarjament kisser il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b’ghajjat u glied.

(N) W aktar akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, filwaqt li kien fi Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla, u aktar tard, fl-istess gurnata, filwaqt li kien fl-Ghassa ta’Bormla, qal kliem oxen, indecenti u dagha.
(O) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, filwaqt li kien fi Triq Mariano Gerada, gewwa Bormla, kellu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

(P) Barra minn dan, akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b’tali mod li kkaguna lil haddiehor biza’ li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li, b’tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza’.

Barra minn hekk, akkuzat ukoll talli sar recidiv, b’diversi sentenzi li gew mghotija mill-Qrati ta’Malta, liema sentenzi, saru definittivi u ma jistghu jithassru qatt.

Barra minn hekk talli, Rennie Gauci kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqhu mill-Magistrat Dr.Laurence Quintano LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mis-6 ta'Lulju, 2007.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika ukoll l-art. 383, 384 u 385 tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta ghas-sigurta ta'dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta'l-espertiskond l-art 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li tohrog ordni ta'protezzjoni ai termini ta' l-art 412(C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta, kem waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta'htija ma'kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala DokPJB1 U nnutat li l-imputat Rennie Gauci iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr.Owen Bonnici iddikjara ghan-nom ta' l-imputat li l-imputat qed jaccetta li l-ammont tal-hsara ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta rigward l-akkuza F) hi ta' €11.83.

Inoltre innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza ta' l-avukat difensur tieghu iddikjara li qed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet l-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddecidi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikonfermax l-ammissjoni

tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum iddikjara li nkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fl-Akkuza maghmula a tenur tal-Artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, peress illi f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez kif kontemplati fl-imsemmi Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba. Inoltre l-Ufficjal Prosekutur b'referenza ghat-talba kontenuta fl-Akkuza sabiex il-Qorti tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-art 412(C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-provi tal-kawza kif ukoll f'kaz ta'htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrillha xierqa, fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, il-prosekuzzjoni ma tinsistiex aktar ghat-tali talba u ghalhekk talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'tali talba.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 91, 95, 96, 221(1), 338(ee), 325(c) u (d), 339(1) (a)(b) u (c), 338(dd), 338(bb) u 342, 251B, 49 u 50 tal-Kap. 9, l-artikolu 6 u 51(7) tal-Kap. 480 u l-artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'Malta.

Issib lill-imputat Rennie Gauci, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li limputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tikkundanna lill-imsemmi imputat Rennie Gauci ghall-piena komplessiva ta'sena prigunerija u elf, mitejn u wiehed u tmenin Ewro u sittax il-centezmi (Ewr. 1281.16) multa ekwivalenti ghall-hames mija u hamsin Liri Maltin (Lm550) fl-liema multa hemm inkluza l-multa ta' hdax il-Ewro u tlieta u tmenin centezmi (Ewr. 11.83) ekwivalenti ghall-hsara ghad-dannu tal-Gvern ta'Malta rigward l-akkuza F).

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta il-Qorti torbot lill-imputat Rennie Gauci

b’obbligazzjoni personali ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba u disghin centezmi (Ewr. 232.94) ekwivalenti ghall-mitt Liri Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma’ Supretendent Raymond D’Anastasi, PS76 C. Cassar, PC299 C.Mallia, R.Grioli u G.Grioli li jzomm il-bonordni pubbliku ma’kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula a tenur tal-Artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’Malta u it-talba sabiex il-Qorti tohrog ordni ta’protezzjoni ai termini ta’l-art 412(C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’Malta l- Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’tali talbiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------